# FIL-QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 25 ta' Gunju 2021**

**<u>Rikors nru: 109/2021 AGV;</u>**

**Ab**

**Vs**

**Cb**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' ab tat-12 ta' April 2021, fejn esponiet bir-rispett;**

1. Il-kontendenti zzewwgu fl-4 ta' Dicembru 1999, gol-Parrocca ddedikata lil Santa Marija il-Mosta (Dok A);
2. Minn daz-zwieg huma kellhom tifla db, imwielda fl- 20 ta' April tas-sena 2000 (Dok B);
3. In forza tad-digriet datat 1 ta' Marzu 2021 (in atti tal-ittra 618/2020, digriet numru, 480/2021) dil-Onorabbli Qorti awtorizzat lil istanti sabiex

jipprocedu b’ dil-kawza. (Dok C), l-esponenti procediet bil-kawza fl-ismijiet premessi, dil-kawza ghadha ma hix appuntata.

4. Il-kontendenti huma mifruda de facto, dan ghaliex fic-cikrostanzi prevalenti ta’ vjolenza domestika pperpetrata mil-intimat fuq ir-rikorrenti, l-esponenti flimkien ma’ bintha d, ma kellhomx ghazla ohra ghajr li jallontanaw ruhhom mid-dar matrimonjali u jsibu rifugju altrove.
5. L-iskop tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti, li sejra tigi likwidataa fis-sentenza definittiva ta’ l-Onorabbli Qorti, illum spiccat ghal kollox, hija x-xewqa tal-istatni li dan l-istat ta’ fatt jigi sancit legalment permezz ta’ sentenza ta’ dil-Qorti.
6. Ghandu jkun inkontestat li ebda parti ma tista’ tbati l-pregudizzju kontemplat fl-artikolu 55(4) tal-Kap 16 tal-Ligjiet ta’ Malta, jekk kemm-il darba l-komunjoni tal-akkwisti titwaqqaf qabel is-sentenza finali ta’ din l-Onorabbli Qorti. Dan anka in vista tal-interpretazzjoni moghtija fil-gurisprudenza konstanti ta’ dil-Qorti, u tal- Qorti tal-Appell.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti ai termini tal-artiklolu 55 tal-Kap 16 tal-Ligjiet ta’ Malta;

1. Okorrendo tappunta da-rikors sabiex jinstema ‘flimkien mal-proccediment principali.
2. Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi b.
3. Tiddikjara li l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi b spiccuta mill-jum li l-eventwali sentenza ta’ dil-Onorabbli Qorti, in materia tkun finali u konklussiva.
4. Tordna li beni li jibqghu formanti l-komunjoni tal-akkwisti jinqassmu mas-sentenza finali ta’ dil-Onorabbli Qorti.
5. Tordna notifika tal-eventwali sentenza taghha lid-Direttur Registru Pubbliku.

**Il-Qorti rat ir-risposta ta' cb datata 6 ta' Mejju 2021 fejn espona bir-rispett;**

1. Illi l-esponenti fil-waqt li jirrespingi bis-shahha kollha l-allegazzjonijiet kollha ta' vjolenza domestika maghmula mir-rikorrenti fir-rikors taghha, liema allegazzjonijiet huma kompeletament irrelevanti ghall-mertu ta' dar-rikors. Iddikjara li mhux qed joggezzjona ghat-talba tar-rikorrernti ghal waqfien tal-komunjoni tal-akkwsiti, u dan naturalment bla pregudizzju ghal kull dritt spettanti lill-esponenti fir-rigward tal-eventwali likwidazzjoni u qsim tal-istess komunjoni.

L-ispejjez ta dan l-episodju ghandhom ikunu riservati ghal gudizzju finali.

Rat li l-partijiet ma kellhomx aktar sottomissjonijiet x'jressqu fuq dan ir-rikors, u ghalhekk talbu li l-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

**DECIDE:**

Tilqa' t-talbiet tal-attrici rikorrenti, u konsegwentement;

1. Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi b.
2. Tiddikjara li l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi b giet terminata mill-jum ta' din is-sentenza.
3. Tordna li l-beni li jibqghu formanti l-komunjoni tal-akkwisti jinqassmu mas-sentenza finali ta' din il-Qorti.
4. Tordna notifika tal-istess sentenza lid-Direttur Registru Pubbliku.

L-ispejjez jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.

**Anthony J Vella**

**Imhallef**

**Concetta Gauci**

**Deputat Registratur**